# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fil-15 ta' April 2021[1]

**Kawża C-866/19**

**SC**
**vs**
**Zakład Ubezpieczeń Społecznych I Oddział w Warszawie**

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sigurtà soċjali – Persuna assigurata li kkompletat perijodi ta' kontribuzzjoni fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru kompetenti – Dritt għal pensjoni tal-irtirar – Regolament (KE) Nru 883/2004 – Kalkolu ta' benefiċċji tal-pensjoni"

1. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) (iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") jitlob kjarifika dwar id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Tomaszewska[2]. Il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, perijodi ta' kontribuzzjoni ta' pensjoni kkompletati minn persuna assigurata[3] fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru kompetenti[4] (iktar 'il quddiem "perijodi ta' kontribuzzjoni tal-Istat ospitanti") għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħala kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni, fil-kalkolu tal-ammont ta' benefiċċji tal-pensjoni li għandhom jitħallsu mill-Istat Membru kompetenti, f'dan il-każ il-Polonja, lil din il-persuna assigurata. Is-sentenza Tomaszewska twieġeb din il-mistoqsija biss fir-rigward tal-kisba ta' benefiċċji tal-pensjoni. Sa liema punt għandhom il-prinċipji elaborati f'dik il-kawża japplikaw għall-kalkolu ta' benefiċċji pagabbli?

2. Iċ-ċirkustanzi fil-kawża prinċipali huma s-segwenti. Skont id-dritt Pollakk, it-tul ta' perijodi mhux kontributorji Pollakki li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu ta' benefiċċji tal-pensjoni huwa limitat għal ammont massimu ta' terz ta' perijodi ta' kontribuzzjoni Pollakki[5]. Il-kwistjoni li trid tiġi kkunsidrata hija jekk perijodi ta' kontribuzzjoni tal-Istat ospitanti magħmula

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Sentenza tat-3 ta' Marzu 2011 (C-440/09, EU:C:2011:114; iktar 'il quddiem is-"sentenza Tomaszewska").

[3] Id-deċiżjoni tar-rinviju ma tispeċifikax jekk il-persuna assigurata hijiex "ħaddiem" fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE. Kwalunkwe riferiment għal din id-dispożizzjoni f'dawn il-konklużjonijiet għandu, għalhekk, jinqara suġġett għal dan il-fattur varjabbli. Ta' min jinnota li l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72), li huwa applikabbli *ratione temporis* fil-kawża prinċipali (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 6 iktar 'il quddiem) jestendi wkoll għal persuni mhux impjegati. Persuna li tagħmel talba għal drittijiet ta' sigurtà soċjali għandha tkun "persuna assigurata" taħt l-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 883/2004, u skont l-Artikolu 2(1), ir-Regolament Nru 883/2004 "għandhu japplika għal ċittadini ta' Stat Membru, persuni mingħajr Stat u refuġjati li għandhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru li huma jew li kienu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed, kif ukoll għall-membri tal-familji tagħhom u għas-superstiti tagħhom".

[4] Ara l-Artikolu 1(s) tar-Regolament Nru 883/2004.

[5] Ara l-punt 12 iktar 'il quddiem.

fil-Pajjiżi l-Baxxi minn persuna assigurata għandhomx jingħaddu, bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma' perijodi ta' kontribuzzjoni Pollakki, b'konsegwenza li jitwalu l-perijodi mhux kontributorji Pollakki li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu ta' pensjoni Pollakka.

3. Jiena kkonkludejt li, taħt id-dritt tal-Unjoni, perijodi ta' kontribuzzjoni tal-Istat ospitanti għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ammont teoretiku tal-benefiċċju tal-pensjoni pagabbli skont l-Artikolu 52(1)(b)(i) tar-Regolament (KE) 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [6]. B'mod iżjed partikolari, ir-regola tad-dritt Pollakk li tipprovdi li perijodi mhux kontributorji magħmula fil-Polonja jistgħu jkunu rilevanti biss għall-kalkolu tal-ammont ta' pensjoni sa ammont massimu ta' terz ta' perijodi ta' kontribuzzjoni kkompletati fil-Polonja (iktar 'il quddiem l-"ammont massimu ta' terz għal perijodi mhux kontributorji") għandha tiġi interpretata b'mod li tinkludi perijodi ta' kontribuzzjoni tal-Istat ospitanti kkompletati mill-persuna assigurata kkonċernata fil-Pajjiżi l-Baxxi. Kwalunkwe eżitu ieħor ikun inkonsistenti mal-għanijiet tar-Regolament Nru 883/2004 u mal-prinċipji li huwa bbażat fuqhom [7], u jikkontradixxi l-prinċipju ta' aggregazzjoni, li tiegħu l-Artikolu 52(1)(b)(i) tar-Regolament Nru 883/2004 huwa espressjoni speċifika. L-eżitu li qiegħed jiġi rrakkomandat hawnhekk huwa wkoll konsistenti mal-għan tal-Artikolu 52(1)(b)(i) tar-Regolament Nru 883/2004, li huwa li jnaqqas id-detriment magħmul lil persuni assigurati li jkunu utilizzaw id-dritt tagħhom li jaħdmu fi Stati Membri li ma humiex l-Istat Membru kompetenti [8] permezz tal-metodu ta' kalkolu tal-ammont teoretiku tal-pensjoni pagabbli.

4. Madankollu, perijodi ta' kontribuzzjoni tal-Istat Membru ospitanti huma irrilevanti għall-kalkolu tal-ammont massimu ta' terz għal perijodi mhux kontributorji fir-rigward tal-ammont effettiv, *pro rata* ta' benefiċċju tal-pensjoni pagabbli skont l-Artikolu 52(1)(b)(ii) tar-Regolament 883/2004. Dan l-iskop tal-Artikolu 52(1)(b)(ii) huwa differenti mill-iskop tal-Artikolu 52(1)(b)(i) tar-Regolament Nru 883/2004. L-Artikolu 52(1)(b)(ii) jikkalkola l-benefiċċju *pro rata* pagabbli f'eżerċizzju magħruf bħala tqassim [9]. Id-dispożizzjoni tirrifletti l-istatus tar-Regolament Nru 883/2004 bħala miżura ta' koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali ta' Stati Membri, pjuttost milli waħda ta' armonizzazzjoni, u li tfittex li tiżgura tqassim ġust fost l-Istati Membri tal-ammont ta' pensjoni pagabbli, billi tikkalkolaha abbażi tal-proporzjon tat-tul ta' servizz ikkompletat f'kull Stat Membru qabel il-materjalizzazzjoni tar-riskju ta' assigurazzjoni [10], hawnhekk il-kisba tal-età tal-irtirar.

[6] Skont l-Artikolu 91 tar-Regolament Nru 883/2004, kif emendat, moqri flimkien mal-Artikolu 97 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU 2009, L 284, p. 1), ir-Regolament Nru 883/2004 kien applikabbli mill-1 ta' Mejju 2010. Skont l-Artikolu 90 tar-Regolament Nru 883/2004, id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35), rilevanti għall-kawża prinċipali, ġew imħassra u ssostitwiti. L-ekwivalenti tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 883/2004 huwa l-Artikolu 45(1) tar-Regolament Nru 1408/71. L-ekwivalenti tal-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 883/2004 huwa l-Artikolu 46(2) tar-Regolament Nru 1408/71.

[7] Sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, Tomaszewska (C-440/09, EU:C:2011:114, punt 27).

[8] Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li ħaddiema migranti ma għandhomx isofru tnaqqis fl-ammont tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali tagħhom bħala konsegwenza li jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom għal moviment liberu. Ara, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' Frar 2013, Salgado González (C-282/11, EU:C:2013:86, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[9] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs, fir-rigward tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament Nru 1408/71, fil-kawża Stinco u Panfilo (C-132/96, EU:C:1997:436, punt 5).

[10] Sentenza tas-26 ta' Ġunju 1980, Menzies (793/79, EU:C:1980:172, punt 11).

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

5. Il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 48 TFUE jistipula li:

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja għandhom jadottaw dawk il-miżuri fil-qasam ta' sigurtà soċjali li jkunu meħtieġa sabiex jipprovdu l-libertà tal-moviment għall-ħaddiema; għal dan l-għan, għandhom jagħmlu arranġamenti sabiex jassiguraw il-ħaddiema migranti impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom u d-dipendenti tagħhom: a) l-aggregazzjoni, għall-fini li wieħed jakkwista jew iżomm id-dritt għall-benefiċċju u fil-kalkolu ta' l-ammont tal-benefiċċju, tal-perijodi kollha li hu meħud kont tagħhom skond il-liġijiet nazzjonali differenti".

6. Il-premessa 14 tar-Regolament Nru 883/2004 tgħid li:

"Dawn l-objettivi għandhom jintlaħqu b'mod partikolari billi jingħaddu flimkien il-perjodi kollha meqjusa taħt id-diversi liġijiet nazzjonali bl-iskop li jinkiseb u jinżamm id-dritt għal benefiċċji u bl-iskop li jkun ikkalkulat l-ammont ta' benefiċċji, u billi jingħataw benefiċċji għad-diversi kategoriji ta' persuni koperti minn dan ir-Regolament."

7. L-Artikolu 1(t) tar-Regolament Nru 883/2004 jistipula li:

"'perjodu ta' assigurazzjoni' tfisser perjodi ta' kontribuzzjoni, impjieg jew impjieg għal rashom kif definiti jew rikonoxxuti bħala perjodi ta' assigurazzjoni mil-leġislazzjoni li taħthom ikunu magħmulin jew meqjusin bħala magħmula, u l-perjodi kollha meqjusin bħala tali, fejn il-leġislazzjoni msemmijja tqishom bħala ekwivalenti għal perjodi ta' assigurazzjoni".

8. L-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 883/2004, intitolat "[g]ħadd flimkien ta' perjodi", jgħid li:

"Sakemm dan ir-Regolament ma jgħidx mod ieħor, l-istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru li l-leġislazzjoni tiegħu tagħmel:

— il-kisba, iż-żamma, id-dewmien jew l-irkupru tad-dritt għal benefiċċji,

— l-applikazzjoni ta" leġislazzjoni, jew

— l-aċċess għal jew l-eżenzjoni minn assigurazzjoni obligatorja, minn assigurazzjoni kontinwata mhux obbligatorja jew volontarja,

kondizzjonali fuq l-ikkompletar ta' perjodi ta' assigurazzjoni, impjieg, impjieg għal rashom jew residenza, għandha, sa fejn ikun hemm bżonn, tqis perjodi ta' assigurazzjoni, impjieg, impjieg għal rashom jew residenza magħmula taħt il-leġislazzjoni ta' xi Stat Membru ieħor bħallikieku

kienu perjodi magħmula taħt il-leġislazzjoni applikabbli” [11].

9. L-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 883/2004 [12] jgħid li:

“1. L-istituzzjoni kompetenti għandha tikkalkula l-ammont tal-benefiċċju li jkollu jingħata:

(a) taħt il-leġislazzjoni applikata minnha, meta l-kondizzjonijiet għall-intitolar għal benefiċċji kienu sodisfatti b’mod eskluživ taħt liġi nazzjonali biss (benefiċċju indipendenti);

b) billi tasal għal ammont teoretiku u mbagħad għal ammont attwali (benefiċċju *pro rata*), kif ġej:

(i) l-ammont teoretiku tal-benefiċċju huwa daqs il-benefiċċju li l-persuna konċernata tista’ titlob jekk il-perjodi kollha ta’ assigurazzjoni jew/u ta’ residenza li kienu magħmula taħt il-leġislazzjonijiet ta’ l-Istati Membri l-oħra kienu magħmula taħt il-leġislazzjoni applikata minnha fil-jum ta’ l-għoti tal-benefiċċju. Jekk, taħt din il-leġislazzjoni, l-ammont ma jiddependix mit-tul tal- perjodi magħmula, dak l-ammont għandu jitqies bħala l-ammont teoretiku;

(ii) l-istituzzjoni kompetenti għandha imbagħad tistabbilixxi l-ammont attwali tal-benefiċċju *pro rata* billi tapplika għall-ammont teoretiku il-proporzjoni bejn it-tul tal-perjodi magħmula qabel immaterjalizza ruħu r-riskju taħt il-leġislazzjoni applikata minnha u t-tul totali tal-perjodi magħmula qabel il-materjalizzazzjoni tar-riskju taħt il-leġislazzjonijiet ta’ l-Istati Membri kollha konċernati.”

10. Il-premessa 2 tad-Deċiżjoni Nru H6 tas-16 ta’ Diċembru 2010 dwar l-applikazzjoni ta’ ċerti prinċipji dwar l-aggregazzjoni tal-perjodi skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta’ sistemi ta’ sigurtà soċjali (Test b’rilevanza għaż-ŻEE u għall-Ftehim KE/Żvizzera) (ĠU 2011, C 45, p. 4) (iktar ’il quddiem id-“Deċiżjoni Nru H6”) tgħid li:

“(2) L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 jipprovdi għall-prinċipju ta’ aggregazzjoni tal-perjodi. Dan il-prinċipju għandu jiġi applikat b’mod uniformi li jinkludi l-aggregazzjoni tal-perjodi li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, jgħoddu biss biex jikkwalifikaw għall-benefiċċju jew biex iżidu l-benefiċċju”.

[11] Preċedentement l-Artikolu 45(1) tar-Regolament Nru 1408/71, fil-verżjoni emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97 tat-2 ta’ Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1992/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 (ĠU 2006, L 392, p. 1). Dan kien jistipula li: “Fejn il-leġislazzjoni ta’ l-Istat Membru tagħmel l-akkwist, ir-retenzjoni u l-irkuprar tad-dritt tal-benefiċċji, taħt skema li mhix skema speċjali fl-ambitu tat-tifsira tal-paragrafu 2 jew 3, suġġetti għat-twettiq ta’ perjodi ta’ assigurazzjoni jew residenza, l-istituzzjoni kompetenti ta’ dak l-Istat Membru tieħu inkonsiderazzjoni, fejn meħtieġ, tal-perjodi ta’ assigurazzjoni jew residenza mwettqa taħt il-leġislazzjoni ta’ kwalunkwe Stat Membru ieħor, sew jekk taħt skema ġenerali jew taħt skema speċjali u sew jakk bħala persuna impjegata kif ukoll jekk persuna li taħdem għal rasha. Għal dan l-iskop, hija tieħu inkonsiderazzjoni dawn il-perjodi bħallikieku twettqu taħt il-leġislazzjoni tagħha.”

[12] L-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 883/2004 qabel kien l-Artikolu 46(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 1408/71. Dan kien jgħid li: “Fejn il-kundizzjonijiet mitluba mil-leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru għall-intitolar ta’ benefiċċji huma ssodisfatti biss wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 45 jew tal-Artikolu 40(3), japplikaw ir-regoli li ġejjin: (a) l-istituzzjoni kompetenti tikkalkola l-ammont teoretiku tal-benefiċċju li għalih il-persuna kkonċernata tkun tista’ tagħmel it-talba basta l-perijodi kollha tal-assigurazzjoni u/jew tar-residenza, li kienu mwettqa taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri li għalihom il-persuna impjegata jew li taħdem għal rasha kienet suġġetta, ikunu ġew imwettqa fl-Istat inkwistjoni taħt il-leġiżlazzjoni li hija tamministra fil-jum tal-għoti tal-benefiċċju. Jekk, taħt din il-leġiżlazzjoni, l-ammont tal-benefiċċju huwa indipendenti mit-tul tal-perijodi mwettqa, l-ammont jitqies bħala li jkun l-ammont teoretiku li għalih hemm riferiment f’dan il-paragrafu; (b) l-istituzzjoni kompetenti sussegwentement tiddetermina l-ammont attwali tal-benefiċċju abbażi tal-ammont teoretiku li għalih hemm riferiment fil-paragrafu preċedenti skont il-proporzjon tat-tul taż-żmien tal-perijodi ta’ assigurazzjoni jew tar-residenza mwettqa qabel il-materjalizzazzjoni tar-riskju taħt il-leġiżlazzjoni li hija tamministra mat-tul taż-żmien totali tal-perijodi ta’ assigurazzjoni u tar-residenza mwettqa qabel il-materjalizzazzjoni tar-riskju taħt il-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri kollha kkonċernati” [traduzzjoni mhux uffiċjali].

11. L-ewwel u t-tieni paragrafu tad-Deċiżjoni Nru H6 jgħidu li:

"1. Il-perjodi kollha ta' assigurazzjoni – sew jekk huma perjodi kontributorji jew perjodi trattati bħala ekwivalenti għal perjodi ta' assigurazzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali – jissodisfaw l-idea ta' 'perjodi ta' assigurazzjoni' għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009.

2. Il-perjodi kollha għall-kontiġenza rilevanti li tlestew skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor għandhom jiġu kkunsidrati biss billi jiġi applikat il-prinċipju ta' aggregazzjoni tal- perjodi kif stabbilit fl-Artikoli 6 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009. Il-prinċipju ta' aggregazzjoni jeħtieġ li l-perjodi kkomunikati minn Stati Membri oħra għandhom ikunu aggregati mingħajr ma tiġi ddubitata l-kwalità tagħhom."

### *B. Id-dritt tal-Istat Membru*

12. Id-deċiżjoni tar-rinviju ssemmi l-Ustawa z dnia 17 grudnia 1998 r. o emeryturach i rentach z Funduszu Ubezpieczeń Społecznych (il-Liġi tas-17 ta' Diċembru 1998 dwar Pensjonijiet tal-Irtirar u Oħrajn Ipprovduti mill-Fond tal-Assigurazzjoni Soċjali) (Dz. U. tal-2018, oġġett 1270, kif emendata) (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar Pensjonijiet") mingħajr ma tidentifika dispożizzjoni speċifika. Id-deċiżjoni tar-rinviju tindika li, taħt id-dritt Pollakk, l-ammont massimu ta' perijodi mhux kontributorji li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ammont ta' benefiċċju huwa terz tal-perijodi ta' kontribuzzjoni Pollakki [13].

## II. Il-fatti u d-domanda preliminari

13. Id-domanda magħmula tikkonċerna biss il-kalkolu tal-benefiċċju tal-pensjoni għal persuna assigurata li kkompletat il-maġġoranza tal-perijodi ta' assigurazzjoni tagħha fi Stat Membru (il-Pajjiżi l-Baxxi) li ma huwiex l-Istat Membru kompetenti (il-Polonja). Ma qamet ebda kwistjoni rigward il-kisba ta' dawn il-benefiċċji.

14. Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2014, iż-Zakład Ubezpieczeń Społecznych, I Oddział w Warszawie (l-Istituzzjoni tal-Assigurazzjonijiet Soċjali, Fergħa Nru 1 f'Varsavja, il-Polonja, iktar 'il quddiem l-"Awtorità dwar il-Pensjonijiet" [14]) tat pensjoni tal-irtirar lil SC (il-persuna assigurata) mill-5 ta' Novembru 2013 skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar Pensjonijiet u r-Regolament Nru 883/2004.

15. Fid-determinazzjoni tal-intitolament tal-persuna assigurata għal pensjoni tal-irtirar, l-Awtorità dwar il-Pensjonijiet użat il-metodu segwenti: l-ewwel nett, hija ddeterminat il-perijodi ta' kontribuzzjoni Pollakki (104 xhur). It-tieni nett, hija inkludiet fil-perijodu tal-assigurazzjoni perijodi mhux kontributorji Pollakki (34 xahar); ammont li jikkorrispondi ma' terz tal-perijodi ta' kontribuzzjoni Pollakki; il-formula stabbilita fid-dritt Pollakk permezz tal-Artikolu 5(2) tal-Liġi dwar Pensjonijiet. It-tielet nett, peress li l-persuna assigurata ma laħqitx il-perijodu minimu ta' assigurazzjoni abbażi tal-perijodi ta' assigurazzjoni Pollakki, l-Awtorità dwar il-Pensjonijiet żiedet mal-perijodu nazzjonali ta' assigurazzjoni ta' SC il-perijodi ta' kontribuzzjoni kkompletati fil-Pajjiżi l-Baxxi (269 xahar) sabiex tagħtiha pensjoni tal-irtirar.

[13] L-ammont massimu ta' terz ta' perijodi ta' kontribuzzjoni li japplika għal perijodi mhux kontributorji jidher li huwa bbażat fuq l-Artikolu 5(2) tal-Liġi dwar Pensjonijiet.

[14] Hija wkoll l-"istituzzjoni kompetenti" taħt l-Artikolu 1(q) tar-Regolament Nru 883/2004.

16. Il-perijodu ta' assigurazzjoni hekk iddeterminat (perijodi ta' kontribuzzjoni nazzjonali + perijodi mhux kontributorji + perijodi ta' kontribuzzjoni barranin) sussegwentement ittieħed inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ammont teoretiku tal-benefiċċju taħt l-Artikolu 52(1)(b)(i) tar-Regolament Nru 883/2004. Madankollu l-ammont effettiv tal-benefiċċju taħt l-Artikolu 52(1)(b)(ii) tar-Regolament Nru 883/2004 ġie kkalkolat fuq bażi *pro rata* minn 138 xahar ta' perijodi ta' assigurazzjoni Pollakki (perijodi ta' kontribuzzjoni magħquda ma' perijodi mhux kontributorji b'ammont massimu ta' terz tal-perijodi ta' kontribuzzjoni nazzjonali) fuq total ta' 407 xhur ta' perijodi ta' assigurazzjoni fil-Polonja u fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fuq din il-bażi, ġie kkalkolat li mill-benefiċċju teoretiku ta' 974.78 zloty Pollakk (PLN), il-persuna assigurata kellha titħallas 33.9 % ta' dan l-ammont, senjatament PLN 335.81.

17. Il-persuna assigurata appellat mid-deċiżjoni: fl-appell tagħha, hija talbet, *inter alia*, li numru ikbar ta' perijodi mhux kontributorji Pollakki jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu, u sostniet li l-Awtorità dwar il-Pensjonijiet kienet żbaljat meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Tomaszewska[15]. Is-sentenza tas-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja) ċaħdet l-appell permezz ta' sentenza mogħtija fid-19 ta' Novembru 2015.

18. Il-persuna assigurata appellat mis-sentenza tal-ewwel istanza tas-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja) lis-Sąd Apelacyjny w Warszawie (il-Qorti tal-Appell ta' Varsavja, il-Polonja). Ġie argumentat li l-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 1408/71 ma kienx ġie interpretat b'mod korrett, u li, abbażi tas-sentenza Tomaszewska, l-ammont massimu ta' terz għal perijodi mhux kontributorji għandu jiġi kkalkolat abbażi kemm ta' perijodi ta' kontribuzzjoni Pollakki u kemm dawk Olandiżi. F'sentenza tad-9 ta' Awwissu 2017, li straħet fuq is-sentenza Tomaszewska, is-Sąd Apelacyjny w Warszawie (il-Qorti tal-Appell ta' Varsavja) aċċettat dawn l-argumenti u emendat is-sentenza appellata.

19. L-Awtorità dwar il-Pensjonijiet ippreżentat appell fuq punt ta' dritt quddiem il-qorti tar-rinviju, fejn ikkontestat is-sentenza tas-Sąd Apelacyjny w Warszawie (il-Qorti tal-Appell ta' Varsavja) sa fejn dik il-qorti ordnat lill-Awtorità dwar il-Pensjonijiet sabiex, fil-kalkolu tal-benefiċċju dovut lill-persuna assigurata skont l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 883/2004, tieħu inkunsiderazzjoni numru ikbar ta' perijodi mhux kontributorji Pollakki. L-Awtorità dwar il-Pensjonijiet ikkontestat din il-konklużjoni, li "terz" ma kellux jiġi ddeterminat b'riferiment għal perijodi ta' kontribuzzjoni Pollakki biss, iżda pjuttost dawk il-perijodi magħquda ma' perijodi ta' kontribuzzjoni kkompletati fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fi kliem ieħor, l-appell jikkonċerna biss il-kalkolu tal-ammont tal-benefiċċju tal-pensjoni.

20. Id-deċiżjoni tar-rinviju tgħid li l-Awtorità dwar il-Pensjonijiet u l-persuna assigurata essenzjalment sostnew is-segwenti.

21. Il-persuna assigurata taqbel mas-sentenza tas-Sąd Apelacyjny w Warszawie (il-Qorti tal-Appell ta' Varsavja). Hija ssostni li fid-determinazzjoni tal-ammont ta' benefiċċju pagabbli lilha, l-Awtorità dwar il-Pensjonijiet għandha tapplika l-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 1408/71 kif interpretat fis-sentenza Tomaszewska, u li l-Awtorità dwar il-Pensjonijiet żbaljat meta ħadet inkunsiderazzjoni biss perijodi mhux kontributorji li ammontaw għal terz tal-perijodi ta' kontribuzzjoni kkompletati fil-Polonja. Skont is-sentenza Tomaszewska, kellha tieħu inkunsiderazzjoni perijodi mhux kontributorji li ammontaw għal terz tal-perijodi ta' kontribuzzjoni aggregati kkompletati fil-Polonja u fil-Pajjiżi l-Baxxi.

[15] Sentenza tat-3 ta' Marzu 2011 (C-440/09, EU:C:2011:114).

22. L-Awtorità dwar il-Pensjonijiet issostni, l-ewwel nett, li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 1408/71 ma tapplikax għall-kawża prinċipali, peress li sabiex il-persuna assigurata tikseb l-intitolament għal pensjoni, irriżulta suffiċjenti li jingħaddu mal-perijodi ta' assigurazzjoni Pollakki (kemm perijodi ta' kontribuzzjoni u kemm perijodi mhux kontributorji li jammontaw għal terz ta' perijodi ta' kontribuzzjoni nazzjonali) il-perijodi ta' assigurazzjoni kkompletati fi Stat Membru ieħor, senjatament il-Pajjiżi l-Baxxi. Skont l-Awtorità dwar il-Pensjonijiet, is-sentenza Tomaszewska tapplika biss jekk, wara li jiġi użat il-metodu għall-kalkolu tal-perijodu ta' assigurazzjoni adottat fil-kawża preżenti, jirriżulta li l-persuna assigurata ma laħqitx il-perijodu ta' assigurazzjoni minimu meħtieġ sabiex tikseb pensjoni. Madankollu fil-kawża prinċipali, il-persuna assigurata laħqet dan il-livell minimu meta ġiet applikata din il-formola (ara l-punt 15 iktar 'il fuq). Huwa biss jekk ma jintlaħaqx dan il-limitu minimu li jkunu jistgħu jingħaddu perijodi ta' kontribuzzjoni barranin ma' perijodi ta' kontribuzzjoni nazzjonali u li s-sehem massimu ta' perijodi mhux kontributorji domestiċi (terz tal-perijodi ta' kontribuzzjoni) jkun jista' jiġi kkalkolat abbażi tal-perijodi ta' assigurazzjoni aggregati (nazzjonali u barranin).

23. It-tieni nett, is-sentenza Tomaszewska tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament Nru 1408/71, li l-ekwivalenti tiegħu huwa l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 883/2004, u mhux l-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 883/2004. Għall-Awtorità dwar il-Pensjonijiet, l-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 883/2004 huwa d-dispożizzjoni li tirregola l-kawża prinċipali.

24. It-tielet nett, l-applikazzjoni tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament Nru 1408/71 adottata fis-sentenza Tomaszewska twassal sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni iżjed perijodi mhux kontributorji Pollakki milli stipulat fid-dritt Pollakk, li twassal, minn naħa, għal żieda fil-kontribuzzjoni tas-sistema ta' sigurtà soċjali Pollakka għall-benefiċċju dovut lill-persuna assigurata, u, min-naħa l-oħra, għal tnaqqis fil-kontribuzzjoni għall-iffinanzjar ta' dan il-benefiċċju mis-sistema ta' assigurazzjoni ta' Stat Membru ieħor li fiha l-kontribuzzjonijiet tal-persuna assigurata jkunu tħallsu għal perijodu ferm itwal milli fis-sistema Pollakka, senjatament il-Pajjiżi l-Baxxi.

25. Ir-raba' nett, mill-punt 2 tad-Deċiżjoni Nru H6 [16] isegwi li l-perijodi akkumulati ma' istituzzjonijiet ta' assigurazzjoni fi Stati Membri oħrajn għandhom jiġu aggregati mingħajr ma tiġi ddubitata l-kwalità tagħhom, li jfisser li l-istituzzjoni ta' assigurazzjoni Pollakka ma tistax tiġi obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni iżjed perijodi ta' assigurazzjoni nazzjonali (b'riżultat taż-żieda ta' perijodi ta' assigurazzjoni barranin) milli meħtieġ mid-dritt nazzjonali.

26. B'riżultat ta' dan in-nuqqas ta' qbil, is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) għaldaqstant għamlet id-domanda preliminari segwenti:

"L-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament [Nru 883/2004] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-istituzzjoni kompetenti:

(a) għandha tieħu inkunsiderazzjoni – konformement mad-dritt nazzjonali – il-perijodi mhux kontributtivi fil-limitu tat-terz tat-total tal-perijodi kontributtivi kkompletati taħt id-dritt nazzjonali u taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stati Membri oħra kemm sabiex jiġi ddeterminat l-ammont teoretiku (punt i) kif ukoll sabiex jiġi ddeterminat l-ammont effettiv tal-benefiċċju (punt ii); jew

[16] Ara l-punt 11 iktar 'il fuq.

(b) għandha tieħu inkunsiderazzjoni – konformement mad-dritt nazzjonali – il-perijodi mhux kontributtivi fil-limitu tat-terz tat-total tal-perijodi kontributtivi kkompletati taħt id-dritt nazzjonali u taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stati Membri oħra biss sabiex jiġi ddeterminat l-ammont teoretiku (punt i) iżda mhux sabiex jiġi ddeterminat l-ammont effettiv tal-benefiċċju (punt ii); jew

(c) ma għandhiex tieħu inkunsiderazzjoni, meta jiġi ddeterminat l-ammont teoretiku (punt i) u l-ammont effettiv tal-benefiċċju (punt ii), il-perijodi ta' assigurazzjoni kkompletati fi Stat Membru ieħor għall-finijiet tal-kalkolu tal-limitu applikabbli għall-perijodi mhux kontributtivi previst fid-dritt nazzjonali?"

27. L-Awtorita dwar il-Pensjonijiet, ir-Repubblika Ċeka, il-Gvern Ungeriż u l-Gvern Pollakk kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub. Ma saritx seduta.

## III. Risposta għad-domanda preliminari

### *A. Osservazzjonijiet preliminari*

28. Huwa importanti li wieħed jinnota li l-Awtorità dwar il-Pensjonijiet hija korretta meta ssostni li l-kawża prinċipali hija rregolata mir-Regolament Nru 883/2004 pjuttost milli mir-Regolament Nru 1408/71, bl-ewwel Regolament ikun id-dispożizzjoni applikabbli *ratione temporis*[17]. Madankollu dan ma jirrendix il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja taħt ir-Regolament Nru 1408/71 irrilevanti għar-riżoluzzjoni tal-kawża prinċipali, peress li r-Regolament Nru 883/2004 għandu dispożizzjonijiet li jissuċċiedu r-Regolament Nru 1408/71[18].

29. It-tieni nett, il-kawża prinċipali hija rregolata mill-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 883/2004, peress li tikkonċerna l-kalkolu ta' benefiċċju tal-pensjoni, u mhux il-kisba tiegħu taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 883/2004.

30. It-tielet nett, l-argument tal-Awtorità dwar il-Pensjonijiet fis-sens li s-sentenza Tomaszewska[19] ma tapplikax għall-kawża prinċipali peress li ma tqum ebda kwistjoni rigward il-*kisba* tal-persuna assigurata tad-dritt għal pensjoni (ara l-punt 22 iktar 'il fuq) huwa infondat. Kif ser jiġi spjegat iktar 'il quddiem (ara l-punti 39 sa 49), is-sentenza Tomaszewska ma tistax tiġi interpretata b'mod li tillimita l-prinċipju ta' aggregazzjoni għall-kisba ta' drittijiet għall-pensjoni taħt ir-Regolament Nru 883/2004[20].

31. Ir-raba' nett, il-perijodi mhux kontributorji previsti taħt id-dritt Pollakk, u li huma inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jammontaw għal "perijodu ta' assigurazzjoni" skont it-tifsira stipulata fl-Artikolu 1(t) tar-Regolament Nru 883/2004. Ma jidher li hemm ebda dubju li perijodi mhux kontributorji huma, taħt l-Artikolu 1(t) tar-Regolament Nru 883/2004, ekwivalenti għal "perijodi ta' assigurazzjoni"[21]. Għandu jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja,

[17] Nota ta' qiegħ il-paġna 6 iktar 'il fuq.

[18] Nota ta' qiegħ il-paġna 6 iktar 'il fuq.

[19] Sentenza tat-3 ta' Marzu 2011 (C-440/09, EU:C:2011:114, punt 12).

[20] Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2019, Bocero Torrico u Bode (C-398/18 u C-428/18, EU:C:2019:1050, punt 33), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Hogan (EU:C:2019:596, punt 37).

[21] Ara wkoll il-punt 1 tad-Deċiżjoni Nru H6 fil-punt 11 iktar 'il fuq, u s-sentenza tat-18 ta' April 2013, Mulders (C-548/11, EU:C:2013:249, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

l-Istati Membri jibqgħu kompetenti sabiex jiddefinixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għoti ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali, anki jekk jagħmluhom iktar stretti, sakemm il-kundizzjonijiet adottati ma jkun fihom ebda diskriminazzjoni ċara jew moħbija bejn il-ħaddiema tal-Unjoni [22].

32. Il-ħames nett, ta' min ifakkar il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-kawża prinċipali, kif spjegati reċentement mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Crespo Rey [23].

"Preliminarjament, għandu jitfakkar li r-Regolament Nru 883/2004 ma jistabbilixxix skema komuni tas-sigurtà soċjali, imma jippermetti li jeżistu skemi nazzjonali differenti u l-uniku għan tiegħu huwa li jiżgura l-koordinament bejn dawn tal-aħħar. B'hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sabiex ifasslu s-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom […]

[…] fl-assenza ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni, hija l-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru li għandha tistabbilixxi, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet li jagħtu dritt għal benefiċċji […]

Fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri għandhom madankollu jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà rikonoxxuta lil kull ċittadin tal-Unjoni li jiċċaqlaq u li jirrisjedi fit-territorju tal-Istati Membri […]" [24].

33. Is-sitt nett, fir-rigward tal-argumenti tal-Awtorità dwar il-Pensjonijiet ibbażati fuq id-Deċiżjoni Nru H6, msemmija fil-punt 25 iktar 'il fuq abbażi tad-Deċiżjoni Nru H6, għandu jiġi nnotat li din id-deċiżjoni tinterpreta l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 883/2004, pjuttost milli l-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 883/2004. Dan premess, f'dawn il-konklużjonijiet ser isir riferiment għad-Deċiżjoni Nru H6 sa fejn hija tanġenzjali għall-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-kawża prinċipali [25].

34. Minbarra dawn is-sitt punti premessi, ikkonkludejt li l-għażla (b) mit-tliet għażliet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju hija l-għażla li tikkonforma mad-dritt tal-Unjoni, kif ġie argumentat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Ungeriż. Dan għamiltu fil-kuntest tal-prinċipju ġenerali segwenti, li eżempju tat-tfassil tiegħu ngħata fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mazak fil-kawża Bergström [26].

"Il-prinċipju tal-aggregazzjoni huwa wieħed mill-prinċipji bażiċi li jirregola l-koordinazzjoni tal-Unjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri, fejn l-għan tiegħu huwa li jiggarantixxi li l-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu mogħti mit-Trattat ma jkollux l-effett li jċaħħad lil ħaddiem mill-vantaġġi ta' sigurtà soċjali li huwa seta' jibbenefika minnhom kieku għadda

22 Sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, Tomaszewska (C-440/09, EU:C:2011:114, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Sentenza tat-28 ta' Ġunju 2018 (C-2/17, EU:C:2018:511, punti 45 sa 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 *Ibid.* Dwar il-kompetenza ta' Stat Membru fuq kwistjonijiet dwar is-sigurtà soċjali, ara wkoll l-Artikolu 153(4) TFUE.

25 Għandu jitfakkar li d-Deċiżjoni H6 "tikkostitwixxi att ta' implementazzjoni tar-Regolamenti Nri 883/2004 u 987/2009. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, att ta' implementazzjoni jew ta' applikazzjoni għandu wkoll ikun is-suġġett, sa fejn possibbli, ta' interpretazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament bażiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2009, Internationaal Verhuis- en Transportbedrijf Jan de Lely, C-161/08, EU:C:2009:308, punt 38, u tad-19 ta' Lulju 2012, Pie Optiek, C-376/11, EU:C:2012:502, punt 34)". Ara s-sentenza tal-4 ta' Settembru 2019, Bundesagentur für Arbeit, Familienkasse Baden-Württemberg West (C-473/18, EU:C:2019:662, punt 30).

26 Sentenza tal-15 ta' Diċembru 2011, Bergström (C-257/10, EU:C:2011:839), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mazák (EU:C:2011:407). Ara wkoll, pereżempju, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Dumont de Chassart (C-619/11, EU:C:2012:805, punt 50).

l-karriera tiegħu kollha fi Stat Membru wieħed. Konsegwenza bħal din tista' tiskoraġġixxi lill-ħaddiema Komunitarji milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal moviment liberu u għalhekk tikkostitwixxi ostaklu għal dik il-libertà" [27].

35. Kif osserva wieħed mill-kummentarji, il-"prinċipju tal-aggregazzjoni ta' perijodi ta' assigurazzjoni huwa wieħed mill-iżjed kisbiet antiki tad-dritt internazzjonali tas-sigurtà soċjali", u li ssemma fil-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol Nru 48 tal-1935 [traduzzjoni libera] [28]. Madankollu, l-għażla (c) fid-deċiżjoni tar-rinviju hija inkonsistenti mal-prinċipju u ma tistax tiġi aċċettata.

36. Dan peress li l-konsegwenza loġika tal-għażla (c) hija l-esklużjoni sħiħa tal-prinċipju ta' aggregazzjoni mill-kalkolu tal-ammont massimu ta' terz għal perijodi mhux kontributorji, u għalhekk dan l-element tal-benefiċċji tal-persuna assigurata, peress li fl-ebda punt taħt l-għażla (c) ma jittieħdu inkunsiderazzjoni kontribuzzjonijiet fl-Istat ospitanti, ikkompletati fil-Pajjiżi l-Baxxi, fir-rigward ta' dan il-kalkolu: la fl-istadju tal-kalkolu tal-valur teoretiku tal-pensjoni tal-persuna assigurata taħt l-Artikolu 52(1)(b)(i) tar-Regolament Nru 883/2004, u lanqas fil-kalkolu tal-valur effettiv tagħha taħt l-Artikolu 52(1)(b)(ii) tiegħu. Dan ikun inkonsistenti mal-istatus fundamentali tal-prinċipju ta' aggregazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 883/2004, fl-operat ta' dan ir-regolament.

37. Minbarra dan, id-dritt Pollakk, taħt l-għażla (c), fejn jimponi l-ammont massimu ta' terz għal perijodi kontributorji, huwa inkonsistenti mal-prinċipju tat-trattament ugwali abbażi ta' nazzjonalità taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 883/2004, peress li, fil-prattika, jikkawża preġudizzju lill-maġġoranza kbira tal-persuni assigurati li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu. L-argumenti tal-Awtorità dwar il-Pensjonijiet li l-applikabbiltà tar-regoli Pollakki dwar il-kalkolu ta' perijodi mhux kontributorji huma applikabbli kemm għal ħaddiema migranti u kemm għal ħaddiema mhux migranti bl-istess mod, li għalhekk għamel ir-regoli konformi mad-dritt tal-Unjoni, għandhom jiġu miċħuda. Dan peress li, jekk ir-regola dwar l-aggregazzjoni tiġi eskluża kompletament, l-ammont massimu ta' terz għal perijodi mhux kontributorji iwassal iżjed faċilment biex numri kbar ta' dawn il-perijodi jiġu akkumulati minn ċittadini Pollakki, iżda mhux daqstant għal migranti li jkunu qegħdin jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu, bir-riskju li r-regola topera għad-dannu ta' dawn tal-aħħar [29]. Din is-sitwazzjoni tkun tirrikjedi ġustifikazzjoni abbażi ta' għan li għandu jintlaħaq ta' interess pubbliku, u bil-kundizzjoni li l-esklużjoni Pollakka ta' perijodi ta' kontribuzzjoni kkompletati fi Stati Membri oħrajn bl-iskop li jiġi stabbilit l-ammont massimu ta' "terz" għal perijodi mhux kontributorji i kienet xierqa sabiex tiżgura l-kisba ta' dan l-għan li għandu jintlaħaq u li ma marritx lil hinn minn dak li kien neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq [30].

[27] Sentenza tal-15 ta' Diċembru 2011 (C-257/10, EU:C:2011:839), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mazák fil-kawża Bergström (C-257/10,EU:C:2011:407, punt 39). Ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2005, Salgado Alonso (C-306/03, EU:C:2005:44, punti 28 u 29). Ara wkoll, pereżempju, is-sentenzi tat-3 ta' Marzu 2011, Tomaszewska (C-440/09, EU:C:2011:114, punti 30 u 31), u tal-14 ta' Marzu 2019, Vester (C-134/18, EU:C:2019:212, punt 33).

[28] Fuchs, M. u Cornelissen, R. (edituri) *EU Social Security Law*, Nomos, 2015, p. 33. Il-Konvenzjoni tinsab fis-sit https://www.ilo.org/dyn/normlex/en/f?p=NORMLEXPUB:12100:0::NO::P12100_ILO_CODE:C048. Pereżempju, l-Artikolu 2 jirreferi għall-perijodi ta' assigurazzjoni li jiġu "totalizzati".

[29] Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2019, Bocero Torrico u Bode (C-398/18 u C-428/18, EU:C:2019:1050, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għal eżempji ta' diskriminazzjoni indiretta li tirriżulta' fil-kuntest ta' trattament ugwali kif protett mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1408/71, ara s-sentenzi tal-25 ta' Ġunju 1997, Mora Romero (C-131/96, EU:C:1997:317), u tal-21 ta' Frar 2008, Klöppel (C-507/06, EU:C:2008:110).

[30] Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2019, Bocero Torrico u Bode (C-398/18 u C-428/18, EU:C:2019:1050, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38. Għaldaqstant, dak li jrid jiġi kkunsidrat f'dan ir-rigward huwa jekk id-dritt tal-Unjoni jirrikjedix li l-Awtorità dwar il-Pensjonijiet tieħu inkunsiderazzjoni l-269 xahar ta' perijodi ta' kontribuzzjoni tal-Istat ospitanti kkompletati fil-Pajjiżi l-Baxxi, b'żieda mal-104 xhur ta' perijodi ta' kontribuzzjoni kkompletati fil-Polonja, fil-kalkolu tal-ammont massimu ta' terz għal perijodi mhux kontributorji impost mid-dritt Pollakk. Bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 883/2004, l-ammont massimu għandu jiġi ddeterminat b'riferiment għal perijodi ta' kontribuzzjoni kkompletati fil-Polonja biss, kif ġie sottomess mill-Awtorità dwar il-Pensjonijiet u mill-Gvern Pollakk, jew għandu jiġi kkalkolat abbażi tal perijodi ta' kontribuzzjoni kkompletati kemm fil-Polonja u fil-Pajjiżi l-Baxxi flimkien, kif ġie sottomess mill-Kummissjoni Ewropea, mir-Repubblika Ċeka, u sa ċertu punt mill-Gvern Ungeriż?

### *B. Il-portata tas-sentenza Tomaszewska*

39. Ċentrali għad-diverġenzi bejn il-partijiet hija l-portata tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2011 fil-kawża Tomaszewska[31]. F'dan il-każ, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' aggregazzjoni kien limitat għal deċiżjonijiet dwar jekk benefiċċju tal-pensjoni għandux *jinkiseb* jew le, kif argumentat mill-Awtorità dwar il-Pensjonijiet, mill-Gvern Pollakk u mill-Gvern Ungeriżi, jew dan il-prinċipju ta' aggregazzjoni jestendi għall-*kalkolu* ta' dawn il-benefiċċji, kif argumentaw il-Kummissjoni u r-Repubblika Ċeka?

40. Filwaqt li l-kawża Tomaszewska nnifisha ma tipprovdix tweġiba ċara għal din il-mistoqsija, ftit li xejn hemm sostenn fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għal-limitazzjoni tal-prinċipju ta' aggregazzjoni għall-kisba tad-dritt għal pensjoni. Lanqas ma hija appoġġjata mill-formulazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004, mill-għan tiegħu, jew mid-dritt primarju tal-Unjoni.

41. Fil-kawża Tomaszewska, ir-rikorrenti ma setgħetx tipprova li hija kienet ikkompletat il-perijodu ta' assigurazzjoni minimu indispensabbli ta' 30 sena previst taħt id-dritt tal-Istat Membru, fil-Polonja, u huwa għalhekk li t-tilwima bejn ir-rikorrenti u l-Awtorità dwar il-Pensjonijiet ikkonċernat il-kisba tad-dritt għal pensjoni tal-irtirar, li waqgħet taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament Nru 1408/71 (li l-ekwivalenti tiegħu huwa l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 883/2004), pjuttost milli l-kalkolu tal-ammont ta' benefiċċji stabbilit fl-Artikolu 46 tar-Regolament Nru 1408/71, liema dispożizzjoni ppreċediet l-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 883/2004[32].

42. Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Tomaszewska fakkret li l-Istati Membri jibqgħu kompetenti sabiex jiddefinixxu l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali, anki jekk jagħmluhom iktar stretti, sakemm il-kundizzjonijiet adottati ma jkun fihom ebda diskriminazzjoni ċara jew moħbija bejn il-ħaddiema tal-Unjoni[33]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sistema implimentata permezz tar-Regolament 1408/71 hija biss sistema ta' koordinazzjoni, pjuttost milli armonizzazzjoni, li tirrigwarda b'mod partikolari d-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali applikabbli għal ħaddiema impjegati u għal persuni li jaħdmu għal rashom li jagħmlu użu mid-dritt tagħhom għall-moviment liberu[34].

[31] C-440/09, EU:C:2011:114.

[32] *Ibid.*, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[33] *Ibid.*, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[34] *Ibid.*, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata. Dwar il-prinċipji ġenerali li jirregolaw ir-Regolament Nru 883/2004, miżura mmirata sabiex tikkoordina s-sistemi ta' sigurtà soċjali ta' Stat Membru, ara s-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2018, Crespo Rey (C-2/17, EU:C:2018:511, punti 45 sa 47, riprodotti fil-punt 32 iktar 'il fuq) u tal-14 ta' Marzu 2019, Vester (C-134/18, EU:C:2019:212, punti 29 sa 33).

43. Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li huwa inerenti għal sistema bħal din li l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-istabbiliment tal-perijodi ta' impjieg jew ta' assigurazzjoni jvarjaw skont l-Istat Membru fejn il-ħaddiem ikkonċernat ikun ħadem. Dawn il-kundizzjonijiet, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(r) tar-Regolament Nru 1408/71 (illum l-Artikolu 1(t) tar-Regolament Nru 883/2004), huma ddefiniti esklużivament mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih il-perijodi inkwistjoni ġew ikkompletati[35]. Ġie mbagħad osservat li meta jistabbilixxu l-imsemmija kundizzjonijiet, madankollu, "l-Istati Membri huma marbuta josservaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, l-għan tar-Regolament Nru 1408/71 kif ukoll il-prinċipji li fuqhom huwa bbażat"[36]. L-għan tar-Regolament Nru 1408/71 huwa dak li jiżgura, kif jipprovdu t-tieni u r-raba' premessa tiegħu, il-moviment liberu ta' ħaddiema impjegati u ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom fl-Unjoni, filwaqt li josserva l-karatteristiċi proprji tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tas-sigurtà soċjali[37].

44. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad iddeċidiet fil-kawża Tomaszewska li r-Regolament Nru 1408/71, partikolarment kif jirriżulta mill-ħames, mis-sitt u mill-għaxar premessa tiegħu "iħaddan bħala prinċipju t-trattament ugwali tal-ħaddiema skont id-diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali u għandu l-għan li jiggarantixxi bl-aħjar mod it-trattament ugwali tal-ħaddiema kollha li jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru kif ukoll li ma jiġux ippenalizzati dawk fosthom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu"[38].

45. Filwaqt li tenniet, diversi drabi, li l-kawża prinċipali kienet tikkonċerna biss il-kisba tad-dritt għal pensjoni tal-irtirar[39], il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet il-konstatazzjoni ġenerali segwenti fir-rigward tal-prinċipju ta' aggregazzjoni:

"[…] l-prinċipju tal-aggregazzjoni tal-perijodi ta' assigurazzjoni, ta' residenza jew ta' impjieg kif stipulat fl-Artikolu 42(a) KE [illum l-Artikolu 48(a) TFUE, ara l-punt 5 iżjed 'il fuq] […] huwa wieħed mill-prinċipji bażiċi tal-koordinazzjoni, fuq livell tal-Unjoni, tal-iskemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri, intiż sabiex jiggarantixxi li l-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu mogħti mit-Trattat KE ma jkollux l-effett li jċaħħad lil ħaddiem mill-vantaġġi ta' sigurtà soċjali li minnhom huwa seta' jibbenefika kieku eżerċita l-karriera tiegħu kollha fi Stat Membru wieħed. Tali konsegwenza tista', fil-fatt, tiskoraġġixxi lill-ħaddiem tal-Unjoni milli jeżerċita d-dritt tiegħu għall-moviment liberu u tikkostitwixxi, għaldaqstant, xkiel għal din il-libertà[40]".

46. Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li l-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 1408/71, id-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża Tomaszewska, kien każ ta' implimentazzjoni tal-prinċipju ta' aggregazzjoni ta' perijodi ta' assigurazzjoni, ta' residenza jew ta' impjieg kif stipulat fl-Artikolu 42(a) KE[41].

35 *Ibid.*, punt 26.

36 *Ibid.*, punt 27.

37 *Ibid.*, punt 28.

38 *Ibid.*, u l-ġurisprudenza ċċitata.

39 *Ibid.*, punti 29, 31, 32, 34, 36.

40 *Ibid.*, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara iżjed reċentement dwar l-iżvantaġġ li jgħaddi minnu ħaddiem migrant meta pparagunat ma' ħaddiem li jkun ħadem ħajtu kollha fl-Istat Membru kkonċernat is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2018, Crespo Rey (C-2/17, EU:C:2018:511, punt 69). Ara wkoll is-sentenza tat-23 ta' Jannar 2020, Bundesagentur für Arbeit (C-29/19, EU:C:2020:36, punt 33).

41 *Ibid.*

47. Filwaqt li s-sentenza Tomaszewska tista' titqies li ma kinitx determinanti fuq il-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' aggregazzjoni għall-*kalkolu* ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali, il-ġurisprudenza usa' tal-Qorti tal-Ġustizzja hija iżjed ċara. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Dumont de Chassart[42] hija univoka fuq ir-rilevanza tal-prinċipju ta' aggregazzjoni għall-kalkolu ta' benefiċċji. F'din il-kawża il-Qorti tal-Ġustizzja qalet:

"Barra minn hekk, għandu jitfakkar li r-Regolament Nru 1408/71 ġie adottat abbażi tal-Artikolu 51 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 51 tat-Trattat KE, li huwa stess sar, wara li ġie emendat, l-Artikolu 42 KE u sussegwentement l-Artikolu 48 TFUE), li awtorizza lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jadotta, fil-qasam tas-sigurtà soċjali, il-miżuri neċessarji għall-istabbiliment tal-moviment liberu ta' ħaddiema billi istitwixxa b'mod partikolari skema li tippermetti l-assigurazzjoni tal-ħaddiema migranti u l-aventi kawża tagħhom l-aggregazzjoni, għall-ftuħ u ż-żamma tad-dritt għall-benefiċċji kif ukoll għall-*kalkolu* tagħhom, għall-'perijodi kollha' meħuda inkunsiderazzjoni mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti."

48. Barra minn hekk, il-post ċentrali tal-prinċipju ta' aggregazzjoni fil-kalkolu tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali huwa rifless fl-Artikolu 48(a) TFUE (punt 5 iktar 'il fuq). Tabilħaqq, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li "l-Artikolu 48 TFUE [...] jipprovdi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 'jadottaw, dawk il-miżuri fil-qasam tas-sigurtà soċjali, li jkunu meħtieġa sabiex jipprovdu l-libertà tal-moviment għall-ħaddiema', billi jistabbilixxu, b'mod partikolari, sistema li tippermetti li għall-ħaddiema migranti tkun żgurata 'l-aggregazzjoni [...] tal-perijodi kollha li hu meħud kont tagħhom skond il-liġijiet nazzjonali differenti'. Din is-sistema ta' aggregazzjoni tal-perijodi ġiet implementata permezz tar-Regolament Nru 1408/71, u mbagħad mir-Regolament Nru 883/2004"[43]. L-importanza tal-aggregazzjoni hija wkoll riflessa fil-premessa 14 tar-Regolament Nru 883/2004 (punt 6 iktar 'il fuq), li tirreferi b'mod speċifiku għall-importanza tal-aggregazzjoni sabiex jiġi "ikkalkulat l-ammont ta' benefiċċji". Ma' din tista' tingħadd il-premessa 2 tad-Deċiżjoni Nru H6. Kif ġie nnotat iktar 'il fuq fil-punt 10, hawnhekk jingħad li l-aggregazzjoni hija rilevanti "biex iżidu l-benefiċċju".

49. Konsegwentement, l-argumenti mressqa fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Pollakk, tal-Awtorità dwar il-Pensjonijiet, u tal-Gvern Ungeriż fis-sens li l-kawża Tomaszewska ma hija ta' ebda rilevanza għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 883/2004, għandhom jiġu miċħuda, sa fejn il-kawża Tomaszewska fiha formulazzjoni wiesgħa tal-prinċipju ta' aggregazzjoni. Tabilħaqq, l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni huma iżjed korretti f'dan ir-rigward fejn dawn jirrikonoxxu r-rilevanza indiretta tad-deċiżjoni fil-kawża Tomaszewska għall-kawża prinċipali[44].

[42] Enfasi tiegħi. Sentenza tal-21 ta' Frar 2013, Dumont de Chassart (C-619/11, EU:C:2013:92, punt 52) li tirreferi għad-deċiżjoni fis-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2011, Bergström (C-257/10, EU:C:2011:839, punt 42). Ir-rwol tal-aggregazzjoni fil-kalkolu ta' benefiċċji tal-irtirar ġie spjegat fil-punt 4 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Koschitzki (C-30/04, EU:C:2005:272). Ara wkoll il-punt 45 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża Reichel-Albert (C-522/10, EU:C:2012:114), fejn l-Avukat Ġenerali indika li wieħed mill-prinċipji fundamentali li għandu jkun ta' gwida għall-interpretazzjoni tar-regolament predeċessur tar-Regolament Nru 883/2004 huwa li, f'konformità ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, "fil-qasam tas-sigurtà soċjali l-assigurati ma jistgħux jinsistu li t-trasferiment tagħhom fi Stat Membru ieħor ikun mingħajr ebda effett fuq it-tip jew il-*livell* ta' benefiċċji li setgħu jkunu eliġibbli għalih fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom". Enfasi tiegħi.

[43] Sentenza tal-4 ta' Lulju 2013, Gardella (C-233/12, EU:C:2013:449, punt 34).

[44] L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 883/2004 jista' jitqiegħed f'ġenb għall-finijiet tal-kawża prinċipali. Dan peress li l-premessa 10 tar-Regolament tgħid li l-prinċipji riflessi fl-Artikolu 5 "ma għand[homx] ifixk[lu] il-prinċipju li perjodi ta' assigurazzjoni, ta' impjieg, ta' impjieg għal rashom jew ta' residenza magħmula taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru ma' dawk ikkompletati taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru jingħaddu flimkien ma' dawk il-perjodu magħmula taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru kompetenti". Ara l-analiżi f'Fuchs, M. u Cornelissen, R. (edituri), *EU Social Security Law*, Nomos, 2015, p. 123. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Hogan fil-Kawżi magħquda Bocero Torrico u Bode (C-398/18 u C-428/18, EU:C:2019:596, punt 44).

### *C. Ratio legis tas-selezzjoni tal-għażla (b) tal-qorti tar-rinviju*

50. Dan kollu premess, għalfejn intlaħqet il-konklużjoni hawnhekk, u kif ġie argumentat mill-Gvern Ungeriż, li hija t-tieni għażla (b) pjuttost milli l-ewwel għażla (a) ssuġġerita mill-qorti tar-rinviju li hija ċentrali għar-riżoluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali, fid-dawl tal-importanza primordjali tal-prinċipju li persuni assigurati li eżerċitaw drittijiet ta' moviment liberu ma għandhomx jiġu mċaħħda minn vantaġġi ta' sigurtà soċjali li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku eżerċitaw il-karriera professjonali tagħhom kollha fi Stat Membru wieħed [45]?

51. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li r-Regolament Nru 883/2004, bħar-Regolament Nru 1408/71, il-predeċessur tiegħu, ma jorganizzax sistema komuni ta' sigurtà soċjali iżda jħalli jeżistu s-sistemi nazzjonali differenti. Huwa pjuttost intiż li jiżgura li s-sistemi huma kkoordinati [46]. Kif osserva l-Avukat Ġenerali Jääskinen, il-"fatt li l-eżerċizzju tal-moviment liberu jista' ma jkollux effett newtrali f'dan il-qasam, jiġifieri jkun ftit jew wisq vantaġġuż, saħansitra żvantaġġuż skont il-każ, jirriżulta direttament mill-fatt li nżammet id-differenza li teżisti bejn il-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri" [47].

52. B'mod iżjed speċifiku, l-għażla (b) tal-qorti tar-rinviju ntgħażlet abbażi tal-ġurisprudenza stabbilita taħt id-dispożizzjoni li ppreċediet l-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 883/2004, senjatament l-Artikolu 46(2) tar-Regolament Nru 1408/71, il-formulazzjoni tal-Artikolu 52(1)(b)(i) u (ii) tar-Regolament Nru 883/2004, l-iskopijiet u l-għanijiet rispettivi ta' dawk l-aħħar żewġ dispożizzjonijiet, u l-kuntest tagħhom [48].

53. Kif ġie spjegat fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Koschitzki [49], il-kalkolu tal-ammont teoretiku taħt l-Artikolu 46(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71, illum l-Artikolu 51(1)(b)(i) tar-Regolament Nru 883/2004, huwa fil-fatt każ ta' aggregazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 46(2) tar-Regolament Nru 1408/71, u għalhekk l-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 883/2004 "għand[u] jiġ[i] interpretat[.] fid-dawl tal-għan stabbilit bl-Artikolu 48 TFUE, li jimplika b'mod partikolari li l-ħaddiema migranti ma għandhomx isofru tnaqqis fl-ammont tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali bħala konsegwenza talli jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu" [50]. Fi kliem ieħor, "l-ammont teoretiku ta' dan il-benefiċċju għandu jiġi kkalkolat bħallikieku l-assigurat kien eżerċita l-attività professjonali tiegħu kollha esklużivament fl-Istat Membru inkwistjoni" [51]. Dan ifisser, fir-rigward tal-kawża prinċipali, li perijodi ta' kontribuzzjoni kkompletati fil-Pajjiżi l-Baxxi, flimkien ma' dawk ikkompletati fil-Polonja, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-"ammont massimu ta' terz għal perijodi mhux kontributorji" bl-għan tad-determinazzjoni tal-ammont teoretiku taħt l-Artikolu 52(1)(b)(i) tar-Regolament Nru 883/2004.

45 Ara l-eżempju pprovdut fil-punt 34 iktar 'il fuq.

46 Punt 42 iktar 'il fuq.

47 Konklużjonijiet fil-kawża Reichel-Albert (C-522/10, EU:C:2012:114, punt 45). Ara, iżjed reċentement, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2019, Vester (C-134/18, EU:C:2019:212, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Ara f'sens wiesa' l-analiżi dwar ir-regoli ta' interpretazzjoni tal-miżuri tal-Unjoni fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Pinckernelle (C-535/15, EU:C:2016:996, punti 35 sa 70).

49 C-30/04, EU:C:EU:C:2005:272, punt 4. Ara wkoll il-punt 23 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 1998, Lustig (C-244/97, EU:C:1998:619): "it-Trattat KE jeħtieġ l-aggregazzjoni tal-perijodi kollha li jittieħdu inkunsiderazzjoni taħt id-dritt tad-diversi pajjiżi mhux biss għall-finijiet tal-kisba u taż-żamma tad-dritt għal benefiċċji iżda wkoll għall-finijiet tal-kalkolu tagħhom".

50 Sentenza tal-21 ta' Frar 2013, Salgado González (C-282/11, EU:C:2013:86, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll il-punt 50).

51 *Ibid.*, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata.

54. L-Artikolu 52(1)(b) jirrifletti għażla leġiżlattiva applikabbli meta l-intitolament għal pensjoni ta' persuna assigurata ma jirriżultax, taħt id-dritt ta' Stat Membru, sakemm ma jittieħdux inkunsiderazzjoni l-perijodi ta' assigurazzjoni kkompletati fi Stat Membru ieħor[52], kif inhu l-każ fil-kawża prinċipali (ara l-punt 15 iktar 'il fuq). Kif diġà ngħad, l-ewwel pass tal-proċedura, senjatament il-kalkolu tal-ammont teoretiku tal-benefiċċju taħt l-Artikolu 52(1)(b)(i) tar-Regolament Nru 883/2004, huwa *aggregazzjoni*. It-tieni pass, taħt l-Artikolu 52(1)(b)(ii) tiegħu huwa l-kalkolu tal-benefiċċju *pro rata* u huwa magħruf bħala *tqassim*[53]. Il-punt kollu tal-eżerċizzju ta' aggregazzjoni u ta' tqassim huwa sabiex jiġi żgurat li l-benefiċċju pagabbli jirrifletti t-tul tal-perijodu li l-persuna assigurata għamlet taħdem fl-Istat Membru u tħallas dak il-porzjon tal-pensjoni[54]. Kif ġie indikat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Awtorità dwar il-Pensjonijiet, kull Stat Membru jħallas l-ammont *pro rata* tal-pensjoni tal-irtirar jew tal-invalidità kkompletata taħt il-leġiżlazzjoni *tiegħu* (enfasi tiegħi). L-Istati Membri għalhekk jiffinanzjaw biss perijodi ta' assigurazzjoni kkompletati fit-territorju tagħhom, u mhux perijodi ta' assigurazzjoni kkompletati fi Stati Membri oħrajn. Kif ġie argumentat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Pollakk, l-ammont tal-benefiċċju mħallas għandu jirrifletti, realistikament, l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tal-pensjoni mħallsa, u perijodi ta' assigurazzjoni kkompletati fl-Istat Membru tagħhom stess.

55. Kif osserva l-Avukat Ġenerali Fennelly, l-ammont effettiv tal-benefiċċju huwa l-proporzjon tal-ammont teoretiku li jikkorrispondi mal-proporzjon tal-perijodu totali ta' assigurazzjoni jew ta' residenza tal-persuna rtirata li *effettivament tqatta'* fl-Istat Membru inkwistjoni[55]. Skont ir-regola li hija issa riflessa fl-Artikolu 52(1)(b)(ii) tar-Regolament Nru 883/2004, l-ammont *effettiv* tal-pensjoni huwa stabbilit abbażi tal-ammont teoretiku fil-proporzjon tat-tul tal-perijodi ta' assigurazzjoni kkompletati fl-Istat Membru inkwistjoni mat-tul sħiħ tal-perijodi ta' assigurazzjoni kkompletati fl-Istati Membri kollha.

56. Il-ġurisprudenza b'mod ġenerali timmassimizza l-komponenti rilevanti għall-kalkolu tal-ammont teoretiku[56], imsejjaħ fil-ġurisprudenza bħala mezz biex jiġi żgurat li ħaddiema ma jitilfux vantaġġi ta' sigurtà soċjali b'riżultat tal-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom għal moviment liberu. Huwa stabbilit li, fir-rigward tal-ammont teoretiku, li "l-effett speċifiku

[52] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs, fir-rigward tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament Nru 1408/71, fil-kawża Stinco u Panfilo (C-132/96, EU:C:1997:436, punt 4).

[53] *Ibid.*, punt 5. L-Avukat Ġenerali Jacobs ġab dan l-eżempju: "Għalhekk jekk persuna ħadmet fi Stat Membru A għal 10 snin u fi Stat Membru B għal 20 sena, allura anki jekk taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru A hija ma tkunx intitolata għal pensjoni għal perijodu ta' assigurazzjoni ta' 10 snin (pereżempju minħabba li dak l-Istat kien jeħtieġ li applikanti jkunu ħadmu hemmhekk għal 15-il sena), bis-saħħa tal-Artikolu 46(2) hija tkun intitolata fi Stat Membru A għal terz tal-benefiċċju li setgħet titlob li kieku ħadmet hemmhekk għal 30 sena". Ara reċentement il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawżi magħquda Bocero Torrico u Bode (C-398/18 u C 428/18, EU:C:2019:596, punt 39).

[54] *Ibid.*, punt 49.

[55] Ara l-punt 7 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Fennelly fil-kawża Lustig (C-244/97, EU:C:1998:419), fir-rigward tal-predeċessur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 883/2004, senjatament l-Artikolu 46(2)(b) tar-Regolament Nru 1408/71. Enfasi tiegħi.

[56] Pereżempju, is-sentenzi tas-26 ta' Ġunju 1980, Menzies (793/79, EU:C:1980:172); tat-23 ta' Settembru 1982, Besem (274/81, EU:C:1982:315); tat-18 ta' Frar 1992, Di Prinzio (C-5/91, EU:C:1992:76); tal-24 ta' Settembru 1998, Stinco u Panfilo (C-132/96, EU:C:1998:427); u tal-21 ta' Frar 2013, Salgado González (C-282/11, EU:C:2013:86). Ara madankollu s-sentenza tal-21 ta' Lulju 2005, Koschitzki, (C-30/04, EU:C:2005:492). Għal iżjed regoli dwar il-kalkolu tal-ammonti teoretiċi u effettivi ta' benefiċċji tal-pensjoni ara l-Artikolu 43(1) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU 2009, L 284, p. 1), u r-riferiment għall-Artikolu 12(3), (4), (5) u (6) tiegħu. Dawn id-dispożizzjonijiet ma jidhrux li huma rilevanti għall-kawża prinċipali.

tal-Artikolu 46(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 huwa li għandu jiġi kkalkolat daqslikieku l-persuna assigurata wettqet l-attività professjonali tagħha esklużivament fl-Istat Membru inkwistjoni”[57].

57. L-għan, madankollu, tal-Artikolu 46(2)(b) tar-Regolament Nru 1408/71, u għalhekk tal-Artikolu 52(1)(b)(ii) tar-Regolament Nru 883/2004 huwa differenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet is-segwenti:

“Għalkemm il-kalkolu li għandu jsir taħt is-subparagrafu (a) huwa intiż sabiex jagħti lil ħaddiem l-ammont teoretiku massimu li jkun jista’ jitlob kieku l-perijodi ta’ assigurazzjoni kollha kienu kkompletati fl-Istat inkwistjoni, l-għan tal-kalkolu taħt is-subparagrafu (b) huwa differenti. Id-dispożizzjoni tal-aħħar hija intiża biss sabiex tqassam il-piżijiet rispettivi tal-benefiċċju bejn l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri kkonċernati fil-proporzjon tat-tul tal-perijodi ta’ assigurazzjoni kkompletati f’kull wieħed minn dawn l-Istati Membri *qabel* ma jkun immaterjalizza r-riskju”[58].

58. L-għan tal-kalkolu ta’ tqassim huwa li jinżamm il-bilanċ tal-piż ta’ benefiċċji bejn l-Istati Membri[59]. Kif jiddikjara kummentarju wieħed ewlieni “l-*oppost* tal-prinċipju ta’ aggregazzjoni huwa l-prinċipju ta’ kalkolu *pro rata*. Skont dan il-prinċipju, kull istituzzjoni kompetenti hija obbligata biss li tħallas porzjon tal-benefiċċju fir-rigward tal-perijodi rilevanti kkompletati taħt il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali nazzjonali tagħha (ara bħala eżempju l-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 883/2004)” [traduzzjoni libera][60].

59. Għaldaqstant, is-sottomissjoni tal-Kummissjoni li l-applikazzjoni ta’ dan il-metodu tippenalizza l-persuni assigurati li jkunu eżerċitaw id-drittijiet tagħhom għal moviment liberu, kif rikonoxxut fil-ġurisprudenza, u għalhekk ma tistax tiġi aċċettata. Dawn is-sottomissjonijiet jinjoraw din id-distinzjoni ewlenija bejn l-Artikolu 52(1)(b)(i) u l-Artikolu 52(1)(b)(ii) tar-Regolament Nru 883/2004.

60. Pereżempju, il-Kummissjoni tirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Zaniewicz-Dybeck[61], sabiex issostni l-pożizzjoni tagħha, iżda din id-deċiżjoni hija biss rilevanti għall-kawża prinċipali peress li tagħmel ċar li aggregazzjoni għandha sseħħ fil-kalkolu tal-ammont teoretiku, iżda l-Qorti tal-Ġustizzja ma testendix dan għall-ammont effettiv.

“F’każ bħal dan, l-Artikolu 46(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprevedi li l-istituzzjoni kompetenti għandha tikkalkula l-ammont teoretiku tal-benefiċċju li għalih għandha dritt il-persuna kkonċernata bħallikieku l-perijodi kollha ta’ xogħol li hija tkun wettqet fi Stati Membri differenti kienu fl-Istat Membru tal-istituzzjoni kompetenti. L-istituzzjoni kompetenti sussegwentement għandha tistabbilixxi, konformement mal-paragrafu 2(b) tal-istess artikolu,

[57] Sentenza tas-26 ta’ Ġunju 1980, Menzies (793/79, EU:C:1980:172, punt 10). Ara, iżjed reċentement, pereżempju, is-sentenza tat-3 ta’ Ottubru 2002, Barreira Pérez (C-347/00, EU:C:2002:560, punt 28), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Zaniewicz-Dybeck (C-189/16, EU:C:2017:329, punt 51) li jirreferu għas-sentenza tal-21 ta’ Lulju 2005, Koschitzki (C-30/04, EU:C:2005:492, punt 28).

[58] Sentenza tas-26 ta’ Ġunju 1980, Menzies (793/79, EU:C:1980:172, punt 11). Enfasi fl-oriġinal.

[59] *Ibid.*

[60] Ara Fuchs, M., u Cornelissen, R., *op. cit.* p. 17. Enfasi tiegħi. Wieħed għandu jinnota li ma hemm ebda indikazzjoni fil-proċess li l-pensjoni tax-xjuħija inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija parti minn “l-iskema ta’ benefiċċji definita” fis-sens tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/492 tal-21 ta’ Marzu 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kordinazzjoni ta’ sistemi ta’ sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 (ĠU 2017, L 76, p. 13), dispożizzjoni li tipprevedi l-eżenzjoni, jew in-nuqqas ta’ applikazzjoni, tal-kalkolu *pro rata* ta’ benefiċċji. L-Anness VIII kien preċedentement ġie emendat, f’dak li jikkonċerna l-Polonja, bir-Regolament (KE) Nru 988/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 (ĠU 2009, L 284, p. 43).

[61] Sentenza tas-7 ta’ Diċembru 2017 (C-189/16, EU:C:2017:946).

l-ammont effettiv tal-benefiċċju fuq il-bażi tal-ammont *pro rata* tat-tul tal-perijodi ta' assigurazzjoni u/jew ta' residenza fl-Istat Membru tal-istituzzjoni kompetenti, meta mqabbel mat-tul totali tal-perijodi ta' assigurazzjoni u/jew ta' residenza mwettqa fl-Istati Membri differenti. Dan huwa l-metodu ta' kalkolu *pro rata*[62]".

61. L-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni jistrieħu wkoll fuq id-deċiżjoni fil-kawża Barreira Pérez[63], għall-inklużjoni ta' perijodi mhux kontributorji kif ikkalkolati b'riferiment għal perijodi ta' kontribuzzjoni kkombinati tal-Pajjiżi l-Baxxi u tal-Polonja, għall-finijiet tal-kalkolu kemm tal-ammont teoretiku taħt l-Artikolu 52(1)(b)(i) tar-Regolament Nru 883/2004 u kemm tal-ammont effettiv taħt l-Artikolu 52(1)(b)(ii) ta' dak ir-regolament. F'dan il-każ persuna assigurata li kienet ċittadina Spanjola, li kienet ħadmet fi Spanja u fil-Ġermanja talbet pensjoni mingħand l-awtoritajiet Spanjoli billi aggregat il-perijodi ta' assigurazzjoni kkompletati taħt il-leġiżlazzjoni Ġermaniża u dik Spanjola, peress li l-persuna assigurata ma kellha ebda dritt għal pensjoni abbażi ta' din tal-aħħar biss.

62. Taħt l-Artikolu 46(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71, l-awtorità kompetenti fi Spanja kkalkolat l-ammont teoretiku tal-benefiċċju billi żiedet il-ġranet ta' kontribuzzjoni effettivi kkompletati kemm fi Spanja u kemm fil-Ġermanja, u mbagħad żiedet "kontribuzzjoni fittizja" attribwita lill-persuna assigurata abbażi tal-età tagħha skont dispożizzjoni tranżitorja ta' digriet Ministerjali[64]. Il-kontribuzzjoni fittizja ma ttiħditx inkunsiderazzjoni, madankollu, fil-kalkolu tal-benefiċċju *pro rata*, jew l-ammont effettiv, taħt l-Artikolu 46(2)(b) tar-Regolament Nru 1408/71.

63. Wara li nnotat fil-punt 25 tas-sentenza tagħha li l-kontribuzzjonijiet fittizji huma "miżjuda ma' perijodi effettivi ta' assigurazzjoni fil-kalkolu tal-ammont tal-pensjoni", sabiex ammontaw għal "perijodi ta' assigurazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 1(r) tar-Regolament Nru 1408/71"[65], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat jekk il-kontribuzzjoni fittizja kellhiex tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ammont *pro rata* tal-pensjoni.

64. Għalkemm il-Gvern Spanjol argumenta li tweġiba fl-affermattiv għal din il-mistoqsija kellha r-riskju li "toħloq żbilanċ ekonomiku serju u ddawwar is-sistema tas-sigurtà soċjali Spanjola f'kalamita għal persuni li jippruvaw jiksbu żieda sinjifikattiva fil-pensjoni tagħhom"[66], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kontribuzzjonijiet fittizji ġew ikkompletati qabel u mhux wara l-materjalizzazzjoni tar-riskju (kisba tal-età tal-irtirar) għall-finijiet tal-Artikolu 46(2)(b) tar-Regolament Nru 1408/71[67]. Għal din ir-raġuni, il-perijodi kollha ta' kontribuzzjoni fittizji

[62] *Ibid.*, punt 42. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Zaniewicz-Dybeck (C-189/16, EU:C:2017:329, punti 43 u 44). Ir-Repubblika Ċeka wkoll tibbaża fuq il-punt 42 tas-sentenza Zaniewicz-Dybeck b'sostenn għall-argument li l-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 883/2004 jirrikjedi li l-Awtorità dwar il-Pensjonijiet kompetenti tieħu inkunsiderazzjoni l-perijodi ta' assigurazzjoni kkompletati fi Stati Membri oħrajn għad-determinazzjoni kemm tal-ammont teoretiku kif ukoll tal-ammont effettiv tal-pensjoni.

[63] Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2002, Barreira Pérez (C-347/00, EU:C:2002:560).

[64] Artikolu 3(b) tad-Digriet Ministerjali tat-18 ta' Jannar 1967 dwar l-applikazzjoni u l-pagament ta' benefiċċji tax-xjuħija (BOE Nru 22 tas-26 ta' Jannar 1967).

[65] Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2002, Barreira Pérez (C-347/00, EU:C:2002:560, punt 26). L-Artikolu 1(r) tar-Regolament Nru 1408/71 issa huwa l-Artikolu 1(t) tar-Regolament Nru 883/2004.

[66] *Ibid.*, punt 33.

[67] *Ibid.*, punt 34.

kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-pensjoni *pro rata* effettiva[68], flimkien mal-fatt li konstatazzjoni għall-kuntrarju tippenalizza ħaddiem li jkun eżerċita drittijiet ta' moviment liberu[69].

65. F'dan ir-rigward l-osservazzjonijiet segwenti jistgħu jsiru.

66. L-ewwel nett, il-kawża Barreira Pérez tidher li hija anormali fis-sens li d-distinzjoni bejn aggregazzjoni, li issa tidher fl-Artikolu 52(1)(b)(i) tar-Regolament Nru 883/2004, u tqassim, kif issa rifless fl-Artikolu 52(1)(b)(ii) ta' dak ir-regolament, ma kinitx ċentrali għall-motivazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Kif ġie spjegat, din id-distinzjoni ġiet stabbilita fil-ġurisprudenza fundamentali tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kalkolu tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali taħt ir-Regolament Nru 1408/71, il-predeċessur tar-Regolament Nru 883/2004[70]. Il-kawża Barreira Pérez minflok iffokat fuq il-fatt li l-kontribuzzjonijiet rilevanti ġew ikkompletati qabel u mhux wara l-materjalizzazzjoni tar-riskju. Il-kawża Barreira Pérez għandha għalhekk tiġi interpretata b'mod restrittiv, u fid-dawl tal-fatt li r-Regolament Nru 883/2004 huwa miżura ta' koordinazzjoni u mhux ta' armonizzazzjoni. Kif ġie indikat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Awtorità dwar il-Pensjonijiet, taħt id-dritt tal-Unjoni, kif inhu fil-preżent, ma hemm ebda prinċipju ta' solidarjetà sovranazzjonali unifikata tas-sigurtà soċjali.

67. It-tieni nett, u possibbilment l-iżjed importanti, il-kawża Barreira Pérez kienet tikkonċerna sitwazzjoni sempliċi fejn id-dritt Spanjol, peress li Spanja kienet l-Istat Membru inkwistjoni f'din il-kawża, żied kontribuzzjonijiet fittizji b'riferiment għall-età tal-persuna li titlob pensjoni Spanjola. Id-digriet Ministerjali li jipprovdi għal kontribuzzjonijiet fittizji għaldaqstant kien jaqa' taħt il-portata tal-kliem "taħt il-leġislazzjoni li hija tamministra" fl-Artikolu 46(2)(b) tar-Regolament Nru 1408/71 (illum "taħt il-leġislazzjoni applikata minnha" skont l-Artikolu 52(1)(b)(ii) tar-Regolament Nru 883/2004). Ma kien hemm ebda kwistjoni fil-kawża Barreira Pérez ta' persuna assigurata li talbiet li d-dritt Spanjol jiġi interpretat b'mod li jinkludi l-perijodi ta' assigurazzjoni mwettqa barra minn Spanja fil-kalkolu li jsir skont l-Artikolu 52(1)(b)(ii).

68. Madankollu, il-perijodi mhux kontributorji inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma humiex koperti mill-kliem "taħt il-leġislazzjoni applikata minnha" fl-Artikolu 52(1)(b)(ii) peress li l-leġiżlazzjoni Pollakka tippermetti biss perijodi mhux kontributorji sal-livell ta' perijodi ta' kontribuzzjoni kkompletati fil-Polonja. Huwa importanti li jerġa' jingħad li, kif ġie spjegat mill-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Stinco Panfilo[71], il-fażi tat-tqassim hija intiża li tqassam, b'mod ġust, ir-responsabbiltà fost l-Istati Membri abbażi tat-tul ta' kontribuzzjonijiet, sabiex il-pagament jirrifletti l-perijodu li l-persuna assigurata tkun qattgħet taħdem fl-Istat Membru kompetenti. Dan il-bilanċ tabilħaqq jiġi żnaturat, fuq il-fatti li tqajmu fil-kawża prinċipali, jekk l-estensjoni kemxejn artifiċjali tal-perijodi mhux kontributorji Pollakki, li kienet meħtieġa fil-kalkolu tal-ammont teoretiku sabiex jingħeleb kwalunkwe żvantaġġ għall-persuna assigurata fl-eżerċizzju tad-drittijiet ta' moviment liberu fil-Pajjiżi l-Baxxi, tiġi estiża għall-fażi ta' tqassim u ta' kalkolu tal-ammont *pro rata* effettiv taħt l-Artikolu 52(1)(b)(ii) tar-Regolament Nru 883/2004. Għandu jitfakkar li l-maġġoranza ta' perijodi ta' kontribuzzjoni ġew ikkompletati fil-Pajjiżi l-Baxxi

[68] *Ibid.*, punti 38 u 39. Filwaqt li waslet għal dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja straħet fuq is-sentenza tat-18 ta' Frar 1992, Di Prinzio (C-5/91, EU:C:1992:76, punt 54). L-uniċi deċiżjonijiet oħra li sar riferiment għalihom mill-Qorti tal-Ġustizzja, li ddeċidiet fuq il-mertu, kienu s-sentenza tas-26 ta' Ġunju 1980, Menzies (793/79, EU:C:1980:172), u s-sentenza li hemm riferiment għaliha fin-nota ta' qiegħ il-paġna 69 iktar 'il quddiem.

[69] *Ibid.*, punti 40 sa 41, b'riferiment għas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 1991, Faux (C-302/90, EU:C:1991:385).

[70] Il-punti 52 sa 60 iktar 'il fuq.

[71] Ara punt 54 iktar 'il fuq.

(ara l-punt 13 iktar ’il fuq) u għalhekk l-iżnaturament fil-kawża prinċipali jkun sostanzjali jekk jiġu inklużi fl-istadju ta’ tqassim fid-determinazzjoni tal-ammont ta’ perijodi mhux kontributorji i li għandhom jingħaddu.

69. It-tielet nett, is-sostituzzjoni tal-elenkar f’indiċi tal-livell massimu ta’ perijodi mhux kontributorji minn perijodi ta’ kontribuzzjoni fil-Polonja, b’perijodi ta’ kontribuzzjoni fil-Polonja u fil-Pajjiżi l-Baxxi, sabiex isir il-kalkolu taħt l-Artikolu 52(1)(b)(i) tar-Regolament Nru 883/2004, iżda mhux fir-rigward tal-Artikolu 52(1)(b)(ii) tiegħu tagħmel ħafna sens meta jitfakkru l-għanijiet ferm differenti ta’ dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet. Il-frażi “taħt il-leġislazzjoni applikata minnha” taħt l-Artikolu 52(1)(b)(i) għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-għan ta’ kalkolu tal-ammont teoretiku; senjatament, persuni assigurati ma għandhomx isofru tnaqqis fl-ammont tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali tagħhom b’konsegwenza li jkunu għamlu użu mid-dritt tagħhom għal moviment liberu [72].

70. Madankollu, kif diġà ġie spjegat, l-għan tal-Artikolu 52(1)(b)(ii) tar-Regolament Nru 883/2004 huwa li jiżgura tqassim ġust ta’ responsabbiltà fost l-Istati Membri, abbażi tat-tul ta’ kontribuzzjoni f’kull Stat Membru rilevanti. Fid-dawl ta’ dan l-għan, il-kliem “taħt il-leġislazzjoni applikata minnha” jitlob interpretazzjoni letterali. Fi kliem ieħor, il-kuntest ta’ “taħt il-leġislazzjoni applikata minnha” fiż-żewġ dispożizzjonijiet, huwa differenti [73]. L-interpretazzjoni letterali ta’ dawn il-kliem teskludi perijodi ta’ kontribuzzjoni tal-Istat ospitanti fil-kalkolu li għandu jsir taħt l-Artikolu 52(b)(ii) tar-Regolament Nru 883/2004 fir-rigward tal-ammont massimu ta’ terz għal perijodi mhux kontributorji taħt id-dritt Pollakk, meta jiġi kkunsidrat il-kuntest u l-għan tiegħu.

71. L-argument tal-Gvern Ċek fis-sens li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi tul differenti ta’ perijodi ta’ assigurazzjoni milli jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-ammont teoretiku ta’ pensjoni għall-kuntrarju tal-ammont effettiv ma jistax jiġi aċċettat. Lanqas naqbel mal-Kummissjoni meta targumenta li l-finzjoni legali riflessa fil-kalkolu tal-ammont teoretiku hija preżenti bl-istess mod fil-kalkolu *pro rata* tan-numru totali tal-perijodi ta’ assigurazzjoni rilevanti fl-Istati Membri kollha kkonċernati. Għall-kuntrarju tal-argumenti tal-Kummissjoni, is-sentenza Menzies [74] ma hijiex limitata għaċ-ċirkustanzi speċifiċi ta’ dik il-kawża [75].

72 Punt 34 iktar ’il fuq. Kif sostniet reċentement il-Qorti tal-Ġustizzja fid-deċiżjoni tagħha tat-28 ta’ Ġunju 2018, Crespo Rey (C-2/17, EU:C:2018:511, punti 70 sa 72), jekk id-dritt ta’ Stat Membru ma jistax jiġi interpretat b’mod konformi mar-Regolament Nru 883/2004, dan għandu jitħalla mhux applikat.

73 Ara l-konklużjonijiet fil-kawża Pinckernelle (C-535/15, EU:C:2016:996, punt 40).

74 Sentenza tas-26 ta’ Ġunju 1980, Menzies (793/79, EU:C:1980:172).

75 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-18 ta’ Frar 1992, Di Prinzio (C-5/91, EU:C:1992:76); tal-24 ta’ Settembru 1998, Stinco u Panfilo (C-132/96, EU:C:1998:427); tas-17 ta’ Diċembru 1998, Lustig (C-244/97, EU:C:1998:619); tad-19 ta’ Lulju 2012, Reichel-Albert (C-522/10, EU:C:2012:475); tal-21 ta’ Frar 2013, Dumont de Chassart (C-619/11, EU:C:2013:92); u tal-21 ta’ Frar 2013, Salgado González (C-282/11, EU:C:2013:86) Ara wkoll is-sentenza tal-21 ta’ Lulju 2005, Koschitzki (C-30/04, EU:C:2005:492).

72. Finalment, u għall-finijiet ta' kompletezza, anki jekk il-kalkolu stipulat hawnhekk jillimita d-drittijiet ta' moviment liberu tal-persuni assigurati taħt l-Artikolu 45 TFUE[76], dan ikun iġġustifikat bil-prinċipju ta' solidarjetà soċjali, li jinvolvi l-għan ta' konnessjoni mas-soċjetà Pollakka, u ma jidhirx li jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan, kif ġie argumentat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Awtorità dwar il-Pensjonijiet[77].

73. Għaldaqstant, il-kalkolu li huwa riprodott fil-punti 15 u 16 iktar 'il fuq, u li sar mill-Awtorità dwar il-Pensjonijiet, ma jirriflettix ir-rekwiżiti tal-Artikolu 52(1)(b)(i) u (ii) tar-Regolament Nru 883/2004 fil-mod li ġej.

74. L-ammont teoretiku ma għandux jiġi kkalkolat b'riferiment għall-perijodi ta' kontribuzzjoni nazzjonali (104) + perijodi nazzjonali kontributorji (34) + perijodi ta' kontribuzzjoni barranin (269), iżda b'riferiment għall-kalkolu li jimmassimizza l-ammont teoretiku (skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja), senjatament perijodi ta' kontribuzzjoni nazzjonali (104) + perijodi ta' kontribuzzjoni barranin (269) + perijodi mhux kontributorji nazzjonali (124, li jirrappreżenta terz ta' dawn iż-żewġ figuri miżjuda flimkien). Din il-formulazzjoni tammonta għal 497 xahar ta' kontribuzzjonijiet nazzjonali u hija tabilħaqq il-formulazzjoni riflessa fl-għażla (b) tal-qorti tar-rinviju.

75. L-ammont effettiv kien, madankollu, ikkalkolat b'mod korrett mill-Awtorità dwar il-Pensjonijiet, kif spjegat fil-punt 16 iktar 'il fuq. L-ammont effettiv tal-benefiċċju ġie kkalkolat fuq bażi *pro rata* minn 138 xahar ta' perijodi ta' assigurazzjoni Pollakki (104 xhur ta' perijodi ta' kontribuzzjoni Pollakki magħquda ma' 34 xahar ta' perijodi kontributorji b'ammont massimu ta' terz tal-perijodi ta' kontribuzzjoni nazzjonali fuq total ta' 407 xhur ta' assigurazzjoni fil-Polonja u fil-Pajjiżi l-Baxxi).

## IV. Konklużjoni

76. Qiegħed għalhekk nipproponi r-risposta segwenti għad-domanda magħmula mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja):

L-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali għandu jiġi interpretat fis-sens li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, l-istituzzjoni kompetenti għandha tieħu inkunsiderazzjoni, meta jiġu kkalkolati benefiċċji tal-pensjoni, perijodi mhux kontributorji fil-limitu ta' terz tat-total tal-perijodi ta' kontribuzzjoni kkompletati taħt id-dritt nazzjonali u taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stati Membri oħra, biss sabiex jiġi ddeterminat l-ammont teoretiku taħt l-Artikolu 52(1)(b)(i) tar-Regolament Nru 883/2004, u mhux sabiex jiġi stabbilit l-ammont effettiv tal-benefiċċju taħt l-Artikolu 52(1)(b)(ii) tar-Regolament Nru 883/2004.

[76] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2013, van den Booren (C-127/11, EU:C:2013:140, punti 38 sa 46). Il-konformità mad-dispożizzjonijiet sekondarji tad-dritt tal-Unjoni bħalma huma r-Regolamenti Nru 1408/71 u Nru 883/2004 ma teskludix l-eżistenza ta' ostakoli għal moviment liberu, kif prekluż mill-Artikolu 45 TFUE. Ara, fir-rigward tal-Artikolu 21 TFUE, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Reichel-Albert (C-522/10, EU:C:2012:475, punt 38): "għandu jitfakkar li, għalkemm l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom fir-rigward tat-tmexxija tas-sistemi tagħhom tas-sigurtà soċjali, madankollu huma għandhom, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, jirrispettaw id-dritt Komunitarju u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini żgurat mill-Artikolu 21 TFUE (ara, f'dan is-sens, [is-sentenzi tat-23 ta' Novembru 2000, Elsen, (C-135/99, EU:C:2000:647 punt 33), u tal-1 ta' April 2008, Gvern tal-Komunità Franċiża u Gvern tal-Wallonie, (C-212/06, Ġabra p. I-1683, punt 43])".

[77] Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, Tas-Hagen u Tas (C-192/05, EU:C:2006:676, punti 34 u 35). Ara, iżjed reċenti, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Staatssecretaris van Economische Zaken u Staatssecretaris van Financiën (C-133/13, EU:C:2014:2255, punt 38).